MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 1321/1996/1

**Dottor Renato Cefai ghan-nom u in rapprezentanza bhala
Prokuratur specjali ta' Tarros International Spa.**

**v.**

**Valletta Freight Services Limited**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Dan huwa appell minn sentenza “in parte” moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Marzu 2001, li biha gew michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Valletta Freight Services Limited. Is-socjeta` attrici, Tarros International s.p.a., hija socjeta` estera li ottjeniet *lodo* arbitrali f’Montecarlo taht ir-regoli tac-*Chambre Arbitrarle Maritime de Monaco*. Bic-citazzjoni odjerna taghha, is-socjeta` attrici qeghdha titlob l-ezekuzzjoni ta’ l-istess *lodo* arbitrali kontra s-socjeta` konvenuta. Din, minn naha taghha, ikkontestat din il-pretensjoni b’eccezzjoni preliminari, kif ukoll b’eccezzjonijiet fil-meritu u anke intavolat kontro-talba kontra s-socjeta` attrici ghaliex bazikament qeghdha ssostni li l-*lodo* kien vizzjat u ma jiswiex ghal diversi ragunijiet li hija semmiet u li ghalhekk li l-istess *lodo* m'ghandux jinghata gharfien u esekuzzjoni mill-Qorti.

2. Sejra tigi riprodotta hawn is-sentenza intiera ta’ l-ewwel Qorti, billi din tikkontjeni d-dettalji kollha tat-talba tas-socjeta` attrici, tal-kontestazzjoni tas-socjeta` konvenuta, kif ukoll riassunt tal-provi l-aktar relevanti u r-ragunamenti u l-motivi li wasslu lill-ewwel Qorti li tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta. Is-sentenza appellata tghid hekk:

“F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħdha titlob l-esekuzzjoni ta’ *lodo* arbitrali mogħti minn arbitri barra minn Malta; is-soċjetà konvenuta għamlet kontro-talba għax qiegħda tgħid illi l-*lodo* ma jiswiex billi l-proċeduri quddiem l-arbitri ma sarux sew.

“Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fil-25 ta’ Lulju 1991 il-partijiet kienu daħlu f’*liner agency agreement* dwar xogħol ta’ aġenzija. Il-ftehim kien li l-kuntratt kellu jkun regolat mil-liġi taljana, u kull kontroversja bejn il-partijiet kellha tinqata’ b’arbitraġġ f’Montecarlo taħt ir-regoli tax-*Chambre Arbitrale Maritime de Monaco.*

“Fil-kors ta’ l-esekuzzjoni tal-kuntratt il-konvenuta kellha tagħti lill-attriċi, b’kollox, mija u tmienja u erbgħin elf seba’ mija u seba’ liri ta’ Malta u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Lm148,707.42). Bejn il-partijiet inqalgħu kwistjonijiet dwar l-esekuzzjoni tal-kuntratt u dwar ħlasijiet, u dawn il-kwistjonijiet tqiegħdu quddiem it-tribunal arbitrali skond il-ftehim u r-regoli tat-tribunal.

"F'*lodo* mogħti fid-29 ta' Jannar 1996 it-tribunal qatagħha li l-konvenuta kellha tħallas lill-attriċi, wara tpaċija, il-bilanċ ta' sitta u sebgħin elf, erba' mija u tmintax-il lira ta' Malta u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm76,418.28), kif ukoll nofs l-ispejjeż ta' l-arbitraġġ li telgħu għal sbatax-il elf u ħames mitt frank franċiż (FF 17,500).

"Billi l-konvenuta baqgħet ma ħallset xejn, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi din il-Qorti:

1. tgħid illi jista' jiġi esegwit f'Malta il-*lodo* arbitrali mogħti mix-*Chambre Arbitrale Maritime de Monaco* fid-29 ta' Jannar 1996;
2. tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi l-bilanċ ta' sitta u sebgħin elf, erba' mija u tmintax-il lira ta' Malta u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm76,418.28); u
3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas ukoll daqs kemm jiswew fi flus maltin nofs l-ispejjeż ta' l-arbitraġġ li telgħu għal sbatax-il elf u ħames mitt frank franċiż (FF 17,500).

"Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħax minn dak in-nhar li kelu jsir il-ħlas.

"Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet[1]:

1. il-*lodo* ma jaqbilx mal-*public policy* ta' Malta għax id-deċiżjoni nkisbet b'qerq jew korruzzjoni, u fil-kitba tad-deċiżjoni kif ukoll fil-proċeduri quddiem it-tribunal ta' Monaco ma tħarsux ir-regoli tal-ġustizzja naturali;
2. il-*lodo* ma għandux jingħata għarfien u esekuzzjoni minn din il-Qorti għax: (i) il-parti tal-ftehim li ħolqot l-arbitraġġ ma tiswiex billi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat; (ii) il-konvenuta ma ngħatatx żmien biżżejjed biex tħejji l-każ tagħha; (iii) il-*lodo* fih deċiżjonijiet *extra petita* li jmorru lil hemm mill-għan ta' l-arbitraġġ; u (iv) ma ngħatatx deċiżjoni dwar l-oġġezzjoni tal-konvenuta li l-*forum* tat-tilwima kellha tkun il-Qorti ta' Malta; u
3. ma hux minnu li l-konvenuta għandha tagħti daqskemm huwa mitlub fit-tieni talba, iżda għandha tagħti biss sitt elef mitejn u wieħed u disgħin lira u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm6,291.91).

"Il-konvenuta resqet ukoll kontro-talba. Fissret illi l-*lodo* mogħti mix-*Chambre Arbitrale Maritime de Monaco* fid-29 ta' Jannar 1996 imur kontra l-*public policy* ta' Malta billi ma tħarsux il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, jekk ma kienx

[1] *Fol.* 84.

ukoll vizzjat b'qerq u korruzzjoni, għax ma ngħatatx qabel xejn deċiżjoni motivata dwar l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenuta *in limine litis* li t-tribunal arbitrali ma kellux ġurisdizzjoni biex jisma' u jiddeċiedi l-każ, billi l-*forum* kellu jkun malti u l-liġi li tirregola l-vertenzi bejn il-partijiet kellha tkun il-liġi ta' Malta. Il-*lodo* fih ukoll deċiżjonijiet *ultra petita* u *extra petita* favur l-attriċi li jmorru lil hemm mill-għan ta' l-arbitraġġ u ma jiswiex ukoll għax il-konvenuta ma ngħatatx żmien biżżejjed kif meħtieġ biex tħejji l-każ u d-difiża tagħha. Għalhekk, tgħid il-konvenuta, il-*lodo* ma għandux jingħata għarfien u esekuzzjoni mill-qrati ta' Malta.

"Kompliet tgħid ukoll li l-bilanċ li tassew għad għandha tagħti l-konvenuta huwa ta' sitt elef mitejn u wieħed u disgħin lira u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm6,291.91): il-bilanċ la hu ta' mija u tnejn u erbgħin elf, disa' mija u tmienja u għoxrin lira u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm142,928.33) mitluba mill-attriċi quddiem it-tribunal; la dak ta' mija u tmienja u erbgħin elf seba' mija u seba' liri ta' Malta u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Lm148,707.42) determinat *ultra petita* u *extra petita* mit-tribunal; u lanqas il-bilanċ ta' sitta u sebgħin elf, erba' mija u tmintax-il lira ta' Malta u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm76,418.28) determinat fil-*lodo* tat-tribunal.

"Għalhekk il-konvenuta talbet illi din il-Qorti:

1. tgħid li l-*lodo* mogħti mix-*Chambre Arbitrale Maritime de Monaco* fid-29 ta' Jannar 1996 ma għandux jingħata għarfien u esekuzzjoni minn din il-Qorti, għar-raġunijiet mogħtija fil-premessi miġjuba fuq;
2. tgħid illi l-*forum* li għandu jisma' u jaqta' dwar vertenzi bejn il-partijiet huwa l-Qorti ta' Malta , u li l-liġi li tgħodd għall-każ hija l-liġi ta' Malta, billi l-konvenuta hija soċjetà reġistrata f'Malta, il-*liner agency agreement* kien iffirmat u esegwit f'Malta, il-fatti relevanti, ix-xiehda dwarhom, u d-dokumenti relativi jinsabu f'Malta, il-ftehim inkiteb bl-ingliż, li huwa wieħed miż-żewġ ilsna uffiċjali ta' Malta, u n-negozju kollu li dwaru nqalgħet it-tilwima seħħ f'Malta;
3. tgħid illi l-bilanċ li għandha tagħti l-konvenuta huwa ta' sitt elef mitejn u wieħed u disgħin lira u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm6,291.91), u mhux kif igħid il-*lodo*; u
4. tgħid ukoll illi l-konvenuta ma għandhiex tħallas l-ispejjeż tal-*lodo* jew xi parti minnhom.

"Il-konvenuta talbet ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittri uffiċjali tal-20 ta' Mejju 1996 u tat-8 t'Awissu 1996.

"Għall-kontro-talba, l-attriċi ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-kontro-talba ma saritx sew u ma tiswiex, billi ma fiha "l-ebda talba separata u distinta mill-azzjoni ta' l-atturi", u billi "l-meritu ta' dik il-kontro-talba huwa kompriż kompletament fl-eċċezzjonijiet";
2. it-talba biex il-Qorti tgħid illi l-konvenuta għandha tagħti somma anqas minn dik mitluba mill-attriċi hija żejda u saret għalxejn, għax hija "naturalment inkluża fit-talba għall-kundanna ta' ħlas pretiż mill-attur u dedotta in ġudizzju";
3. il-kwistjonijiet imqajma mill-konvenuta ma jistgħux ikunu ta' tfixkil għall-esekuzzjoni tal-*lodo*; u
4. il-*lodo* ma hux milqut mill-vizzji msemmija mill-konvenuta, u l-kwistjoni hija regolata mil-liġi magħżula mill-partijiet stess. It-tribunal arbitrali kien ukoll kompetenti biex jisma' u jaqta' dwar it-tilwima.

"Is-sentenza tallum hija biss dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

"Il-fatti relevanti ta' dan il-każ ġraw hekk:

"Is-soċjetà konvenuta kienet ilha tagħti servizz ta' aġent għas-soċjetà barranija *Tarros s.p.a.* mill-1979 u r-relazzjonijiet bejniethom kienu regolati bi ftehim li kien iffirmat fil-11 t'Awissu 1980. Ġara li, għall-ħabta ta' l-1990 jew 1991, sar bdil fl-organizzazzjoni tan-negozju ta' *Tarros s.p.a.* B'seħħ mill-1 ta' Jannar 1991 inħolqot soċjetà ġdida bl-isem ta' *Tarros International s.p.a.* (is-soċjetà attriċi), u kienet din is-soċjetà ġdida li bdiet tmexxi dik il-parti tan-negozju ta' *Tarros s.p.a.* li fih kellha x'taqsam il-konvenuta. *Tarros s.p.a.* baqgħet tmexxi partijiet oħra tan-negozju, u fl-1994 bidlet isimha għal *Tarros Terminal s.p.a.* Jidher li xorta baqgħet rabta qawwija bejn *Tarros Terminal s.p.a.* (qabel magħrufa *Tarros s.p.a*) u *Tarros International s.p.a.* billi s-sidien u d-diriġenti kienu l-istess.

"Is-soċjetà l-ġdida *Tarros International s.p.a* (l-attriċi) riedet tidħol fi ftehim bil-miktub mal-konvenuta, u ħejjiet abbozz ta' dan il-ftehim. Fost il-pattijiet li *Tarros International s.p.a.* riedet iddaħħal f'dan il-ftehim kien hemm il-patt ta' arbitraġġ u l-patt tal-għażla tal-liġi. Għalkemm il-konvenuta ma xtaqitx taċċetta dawn il-pattijiet, kellha, fl-

aħħar, tagħżel titlifx ir-relazzjoni u n-negozju li kellha ma' *Tarros* jew taċċettax il-ftehim bil-pattijiet li riedet l-attriċi: għażlet li tkompli r-relazzjoni u għalhekk aċċettat il-ftehim, li kien iffirmat fil-25 ta' Lulju 1991[2].

"Il-pattijiet ta' għażla ta' liġi u ta' arbitraġġ, li l-konvenuta, kontra qalbha, kellha taċċettahom, igħidu hekk:

6.00 Duration and General

6.02 This Agreement is subject to Italian Law.

6.04 Any controversy about interpretation, fulfilment or termination of this Agreement or claims arising out of or relating to this Agreement shall be referred to Arbitration in Montecarlo in the event that an amicable agreement between both parties cannot be reached; arbitration will be made in accordance with the Rules of *Chambre Arbitrale Maritime de Monaco*, *arrêt nº 73/329*, and award will be binding and final and will be brought to execution before any Court having jurisdiction.

"Il-ftehim kien jistipula wkoll li kull waħda mill-partijiet setgħet ittemm ir-relazzjoni kummerċjali ma' l-oħra billi tgħarrafha bil-miktub mill-anqas sitt xhur qabel[3]. L-attriċi nqdiet b'din l-istipulazzjoni u temmet il-ftehim fl-1995. Billi, meta ġew biex jagħalqu l-kontijiet, il-partijiet ma setgħux jaqblu dwar x'kellha tagħti u x'kellha tieħu kull waħda minnhom, l-attriċi nqdiet bil-patt ta' arbitraġġ biex tqiegħed it-tilwima quddiem arbitri. L-attriċi ħatret arbitru, il-konvenuta ħatret ieħor, u ż-żewġ arbitri maħtura mill-partijiet flimkien ħatru arbitru ieħor bħala president tat-tribunal arbitrali.

"It-tribunal ta l-*lodo* tiegħu fid-29 ta' Jannar 1996[4]. Sab illi, wara li ssir tpaċija, il-konvenuta jifdlilha tagħti lill-attriċi sitta u sebgħin elf, erba' mija u tmintax-il lira ta' Malta u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm76,418.28), bl-imgħax bl-għaxra fil-mija (10%) fis-sena b'seħħ mis-7 ta' Settembru 1994, flimkien ma' sbatax-il elf u ħames mitt frank franċiż (FF 17,500) nofs l-ispejjeż ta' l-arbitraġġ.

"L-attriċi qiegħda issa, b'dawn il-proċeduri, tfittex l-esekuzzjoni ta' dan il-*lodo* hawn Malta; il-konvenuta qiegħda topponi t-talba għar-raġunijiet miġjuba fuq.

---

2 *Foll.* 5 *et seqq.*

3 Patt 6.01, *fol.* 13.

4 *Foll.* 15 *et seqq.*

"Il-konvenuta, fl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħha, qiegħda tfittex li twaqqa' kemm il-patt ta' arbitraġġ u ta' għażla ta' liġi, kif ukoll il-*lodo* mogħti bis-saħħa ta' dak il-patt.
"Ir-raġunijiet imressqa mill-konvenuta kontra l-patt ta' arbitraġġ u ta' għażla ta' liġi huma dawn:
"Meta sar il-ftehim il-konvenuta kienet imġiegħla, kontra r-rieda tagħha, li taċċetta klawsola arbitrali minħabba tehdida li, jekk ma tagħmilx hekk, titlef il-*business*. Din il-klawsola ddaħħlet fil-ftehim minkejja li l-obbligazzjonjiet kollha tal-ftehim kellhom ikunu esegwiti f'Malta minn soċjetà maltija taħt il-liġijiet u r-regolamenti maltin li huma l-qrati ta' Malta li l-aktar li jistgħu jinterpretawhom. Barra minn hekk, il-*liner agency agreement* kien iffirmat u esegwit f'Malta, u l-fatti relevanti, ix-xiehda dwarhom, u d-dokumenti relativi jinsabu f'Malta. Għal dawn ir-raġunijiet, tgħid il-konvenuta, il-*forum* l-aktar konvenjenti kellu jkun dak malti.

"Effettivament, mela, il-konvenuta qiegħda tgħid illi:

a) il-kunsens tagħha ma jiswiex għax ittieħed b'tehdid;
b) il-kuntratt aktar għandu rabta mal-liġi ta' Malta u għalhekk il-liġi li tirregolah kellha tkun dik ta' Malta; u
c) il-*forum* kellu jkun dak ta' Malta għax huwa l-aktar *forum* konvenjenti.

"Inqisu l-ewwel l-argument dwar il-kunsens tal-konvenuta.
"Fin-negozjati li jwasslu għal kull ftehim parti tagħmel l-offerta tagħha, u l-parti l-oħra jew tilqa' l-offerta jew tagħmel kontro-proposta. L-ewwel parti tista' mbagħad jew taċċetta l-kontro-proposta jew tibqa' tinsisti fuq il-pattijiet tal-proposta oriġinali tagħha. Jekk iż-żewġ partijiet jibqgħu jinsistu fuq il-verżjoni tagħhom ta' kif għandu jkun il-ftehim, jaslu fi stadju fejn jew ikollhom jammettu li ma jistgħux jilħqu ftehim, u kuntratt ma jseħħx, jew xi waħda minnhom tqis li aktar jaqblilha li tagħmel kuntratt fuq il-pattijiet proposti mill-parti l-oħra milli ma tagħmel kuntratt xejn.
"Kien appuntu dan li ġara fil-każ tallum: l-attriċi wriet li ma riditx tagħmel kuntratt jekk mhux fuq il-pattijiet proposti minnha; ma kellha ebda obbligazzjoni li taċċetta l-kondizzjonijiet li riedet il-konvenuta, u kienet lesta li ma tagħmel ebda kuntratt jekk ma jkunux aċċettati l-proposti tagħha; lill-konvenuta dehrilha, fl-aħħar mill-aħħar, li aħjar

taċċetta l-offerta ta’ l-attriċi milli titlef ir-relazzjoni ta’ negozju li kellha ma’ l-attriċi; għaliha kien jiswa iżjed li tagħmel il-kuntratt milli tkompli tinsisti fuq il-proposta tagħha. Id-deċiżjoni tal-konvenuta ma kienet milquta b’ebda vizzju tal-kunsens; kienet deċiżjoni magħmula wara apprezzament realistiku tas-sitwazzjoni, u jekk lill-konvenuta dehrilha li ma setgħetx tgħaddi mingħajr il-kuntratt ma’ l-attriċi dan ma kien jitfa’ ebda obbligazzjoni fuq l-attriċi li bilfors taċċetta l-kondizzjonijiet tal-konvenuta.
“Mhux kull meta ma tiħux dak kollu li tixtieq il-kunsens tiegħek ikun għalhekk vizzjat.

“Il-Qorti għalhekk issib li ma kien hemm ebda vizzju tal-kunsens.
“Il-konvenuta, kif rajna, qiegħda tgħid ukoll li l-għażla ta’ *forum* u ta’ liġi magħmula fil-ftehim kienet ħażina.
“L-għażla ta’ liġi tkun ta’ dik li magħha l-kuntratt għandu l-akbar rabta — dik li tissejjaħ *the proper law of the contract* — meta l-kuntratt ikun sieket dwar l-għażla tal-liġi; meta l-partijiet ikunu għamlu l-għażla tagħhom, u fil-liġi magħżula ma jkun hemm xejn kontra l-ordni pubbliku tal-*proper law*, l-għażla tal-partijiet tkun imħarsa, għax “il-kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa ta’ liġi għal dawk li jkunu għamluhom”[5].
“Il-fatt li taħt il-liġi magħżula mill-partijiet it-tribunal seta’ jordna li jitħallsu mgħaxijiet ogħla minn dawk li jingħataw taħt il-liġi ta’ Malta ma hux bi ksur ta’ l-ordni pubbliku ta’ Malta, mhux biss għax il-liġi ta’ Malta tippermetti eċċezzjonijiet fejn jistgħu jingħataw imgħaxijiet ogħla minn tmienja fil-mija iżda wkoll għax, fil-każ tallum, l-imgħaxijiet ogħla ma kinux imposti bħala użura iżda *officio iudicis*.
“L-argumenti favur il-validità tal-patt ta’ għażla ta’ liġi jgħoddu wkoll għall-patt dwar ġurisdizzjoni. Jista’ jkun illi, għar-raġunijiet imsemmija mill-konvenuta, *viz.* għax il-fatti relevanti, ix-xiehda dwarhom, u d-dokumenti relativi jinsabu f’Malta, li kieku l-kawża nbdiet f’Malta l-qrati ta’ Malta kienu jaċċettaw ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jaqtgħu dwar xi partijiet mill-meritu tal-kontroversja bejn il-partijiet; dan iżda ma jfissirx li t-tribunal magħżul mill-partijiet ma jkollux ġurisdizzjoni jekk il-kawża tkun inbdiet quddiemu.

5 Art. 992(1), Kod. ~iv.

"Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-pattijiet dwar l-għażla tal-liġi u l-patt ta' arbitraġġ jiswew, u l-eċċezzjoni tal-konvenuta kontra l-validità ta' dawk il-pattijiet hija miċħuda.

"Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjoni kontra l-validità tal-*lodo*. Il-konvenuta qiegħda tgħid illi l-*lodo* ma jiswiex għax:

1. hi ma ngħatatx żmien biżżejjed biex tħejji l-każ tagħha, u għalhekk ma tħarsux ir-reġoli tal-ġustizzja naturali;
2. ma ngħatatx deċiżjoni dwar l-oġġezzjoni tal-konvenuta kontra l-*forum*;
3. il-*lodo* fih deċiżjonijiet *ultra petita u extra petita*; u
4. il-*lodo* ma jaqbilx mal-*public policy* ta' Malta għax id-deċiżjoni nkisbet b'qerq jew korruzzjoni.

"Il-proċeduri ta' arbitraġġ inbdew mill-attriċi bil-ħruġ ta' *atto di citazione* fil-15 ta' Novembru 1994[6], u s-soċjetà konvenuta rċeviet is-sejħa biex tidher għall-proċeduri ta' l-arbitraġġ fl-24 ta' Novembru 1994[7]; il-konvenuta wieġbet bi *statement of defence* fis-27 ta' Frar 1994; u s-smigħ sar fit-28 ta' Settembru 1995. Dak in-nhar tas-smigħ il-partijiet ingħataw fakoltà li jagħmlu aktar sotto-missjonijiet bil-miktub sat-30 ta' Novembru 1995[8]; b'dan il-mod, jekk waqt is-smigħ l-argumenti tal-partijiet ma kinux żviluppati biżżejjed, dan seta' jsir bil-miktub.

"Fil-fatt, mhux biss ingħata lill-partijiet iż-żmien stipulat fir-regoli tat-tribunal ta' arbitraġġ, iżda ngħata wkoll tiġdid taż-żmien meta saret talba għalhekk[9], u kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar kif kellhom jimxu l-proċeduri[10].

"Dan kollu juri li l-partijiet kellhom żmien biżżejjed biex iħejju l-każ tagħhom u jressquh quddiem it-tribunal; dwar l-ilment tal-konvenuta li hi ma ngħatatx żmien biżżejjed biex tħejji l-każ tagħha, u li għalhekk ma tħarisx il-prinċipju *audi alteram partem*, il-Qorti hija tal-fehma li dan huwa biss konsegwenza ta' l-atteġġjament li jieħdu ħafna minn dawk li jkollhom jagħtu meta jkunu mħarrkin bi proċeduri

---

6 Ara t-tifsir mog]ti fil-*lodo* ta' l-*iter* pro`edurali quddiem it-tribunal, *fol.* 18.

7 Ara l-ewwel paragrafu ta' l-*affidavit* ta' Victor Vella, *fol.* 114.

8 *Fol.* 194.

9 Ara x-xiehda ta' Nicholas Dean fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 1998, *foll.* 327 *et seqq.*

10 *Ibid. fol.* 340.

ġudizzjarji: jippretendu li għandhom il-jedd li b'kull mod itawlu l-proċeduri sabiex ibiegħdu kemm jistgħu l-jum meta jkollhom iħallsu dejnhom. Il-jedd iżda ma hux ta' min huwa mħarrek li jtawwal il-proċeduri u jdewwem is-sentenza kemm jista'; il-jedd huwa ta' min ifittex rimedju ġudizzjarju li jkollu sentenza fi żmien raġonevoli.

"Din l-eċċezzjoni tal-konvenuta hija wkoll, għalhekk, miċħuda.

"Il-konvenuta qiegħda tgħid ukoll li ma ngħatatx deċiżjoni dwar l-oġġezzjoni tagħha kontra l-*forum*. Dan, iżda, ma hu minnu xejn; fil-*lodo* hemm parti "*sulla giurisdizione arbitrale*", fejn it-tribunal ifisser illi, ladarba l-partijiet stipulaw "*una ampia e completa clausola arbitrale*", it-tribunal kellu ġurisdizzjoni u għalhekk l-eċċezzjoni kontra l-ġurisdizzjoni kienet miċħuda[11]. Il-konvenuta tgħid illi din id-deċiżjoni ngħatat "bla ebda motivazzjoni serja u adegwata[12], iżda tassew ma kienx hemm għalfejn jinħela aktar ħin u aktar kliem fuq l-interpretazzjoni ta' patt ċar.

"Huwa minnu li l-konvenuta kienet riedet illi tingħata deċiżjoni dwar il-ġurisdizzjoni fi stadju preliminari, qabel ma jinbeda s-smigħ tal-meritu, u t-tribunal, minflok, ta d-deċiżjoni dwar il-ġurisdizzjoni flimkien mad-deċiżjoni fuq il-meritu. Dan, iżda, ma jwassal għal ebda nullità, għax kien fid-diskrezzjoni tat-tribunal li jagħżel jagħtix deċiżjoni preliminari jew *lodo* wieħed b'deċiżjoni fuq il-kwistjonijiet kollha mressqa mill-partijiet.

"Il-konvenuta qiegħda tgħid ukoll li kien hemm deċiżjoni *ultra petita* u *extra petita*. Qiegħda tgħid hekk għax l-attriċi kienet qiegħda titlob mija u tnejn u erbgħin elf, disa' mija u tmienja u għoxrin lira u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm142,928.33), u t-tribunal beda biex qal li kellha tieħu mija u tmienja u erbgħin elf seba' mija u seba' liri ta' Malta u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Lm148,707.42), iżda, wara tpaċija ma' dak li l-attriċi kellha tagħti lill-konvenuta, it-tribunal sab li kien fadlilha tieħu sitta u sebgħin elf, erba' mija u tmintax-il lira ta' Malta u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm76,418.28), u għalhekk ikkundanna lill-konvenuta tħallas dan l-aħħar bilanċ.

---

11 *Fol.* 19.

12 Ara t-tmien paragrafu tad-dikjarazzjoni ma]lufa tas-so`jetà konvenuta, *fol.* 85.

"Id-deċiżjoni tat-tribunal ma kienet xejn *ultra* jew *extra petita*: l-attriċi talbet dak li dehrilha li kellha tieħu — bilanċ ta' mija u tnejn u erbgħin elf, disa' mija u tmienja u għoxrin lira u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm142,928.33); it-tribunal, biex seta' jara kemm tassew kellha tieħu, kellu jaħdem il-kontijiet, jara kemm kienu l-krediti favur tagħha u kemm kienu dawk kontra tagħha, u hekk wasal għal bilanc — sitta u sebgħin elf, erba' mija u tmintax-il lira ta' Malta u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm76,418.28) — li kien anqas, mhux aktar, minn kemm talbet l-attriċi.

"Naturalment, billi dawn il-proċeduri tallum ma humiex appell mil-*lodo*, ma hux il-każ li l-Qorti tistħarreġ dwar il-meritu u dwar jekk il-konklużjonijiet tat-tribunal kinux tajbin jew le, jew jekk il-konklużjonikinitx tkun oħra li kieku l-każ instema' mill-bidu quddiem din il-Qorti.

"Il-konvenuta qiegħda tgħid ukoll illi d-deċiżjoni tat-tribunal ittieħdet b'qerq u korruzzjoni.

"Fil-fehma tal-Qorti ma nġiebet ebda xiehda ta' qerq jew korruzzjoni. Kien hemm biss irregolarità waħda, għax wieħed mill-arbitri ma kienx preżenti waqt is-smigħ kollu billi, minħabba kondizzjoni ta' saħħtu, kellu jistrieħ wara nofs in-nhar u meta reġa' daħal fl-awla tat-tribunal is-smigħ kien ġà tkompla. Dan l-arbitru kien Giorgio Righetti, l-arbitru maħtur mill-attriċi.

"Il-minuti tal-proċeduri matul is-smigħ quddiem it-tribunal juru li, qabel ma s-smigħ waqaf għall-ikel fis-siegħa ta'wara nofs in-nhar, Sergio La China, president tat-tribunal, għamel din l-istqarrija f'isem Giorgio Righetti[13]:

"Prof. Righetti delegates, to each and any effect (*sic*), the other two members of the Panel to go on with the hearing and to finalise, in the event that he cannot attend in the afternoon.

"Ma jidher li ebda waħda mill-partijiet ma għamlet xi oġġezzjoni jew imqar xi protest[14], lanqas meta s-smigħ tkompla wara nofsinhar mingħajr Giorgio Righetti, u lanqas meta Righetti wasal tard[15].

"Is-smigħ kien biss wieħed mill-episodji tal-proċess ta' l-arbitraġġ; kien hemm ukoll is-sottomissjonijiet magħmula

---

13 *Fol.* 172.

14 Ara x-xiehda ta' Nicholas Dean fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 1998, *fol.* 336.

15 *Fol.* 182.

bil-miktub mill-partijiet u d-deliberazzjonijiet ta' l-arbitri. Dak li sar waqt is-smigħ meta Righetti ma kienx hemm ittieħed fuq mezzi elettromanjetiċi u wara tniżżel bil-miktub. Għalhekk Righetti kellu t-tagħrif kollu li kellhom l-arbitri l-oħra meta ngħaqad magħhom għad-deliber-azzjoni qabel ma ngħata l-*lodo*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalhekk, għalkemm kien ikun aħjar li kieku l-arbitri kollha ħadu sehem f'kull fażi tal-proċess, dan in-nuqqas ma għandu jwassal għal ebda nullità, għax ħadd ma sofra xi preġudizzju.

"Żgur li dan l-episodju ma hux xiehda ta' qerq jew korruzzjoni, kif qiegħda tgħid il-konvenuta. Ma nġiebet ebda xiehda oħra ta' qerq jew korruzzjoni, u ma kien hemm xejn iżjed li joħloq suspett ta' irregolarità. It-tribunal kien magħmul minn arbitri indipendenti, li ma kellhom ebda rabta mal-partijiet, u ma ntweriet ebda raġuni li toħloq suspett dwar l-imparzjalità tagħhom.

"Il-Qorti qiegħda għalhekk tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenuta. L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandha tħallashom il-konvenuta."

**<u>II. L-APPELL</u>**

3. Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta. L-aggravji taghha, mifruxin fuq ghaxar pagni shah tar-rikors ta' l-appell taghha b'element ta' ripetizzjoni, essenzjalment jirriducu ruhhom ghal aggravju wiehed. Is-socjeta` appellanti qeghda ssostni fl-appell taghha li l-ewwel Qorti ma tatx piz lill-argumenti u r-ragunijiet esposti minnha in sosten tat-tezi taghha li l-*lodo* arbitrali ma kellux jigi esegwit f'Malta. Ghalhekk, hija qeghdha titlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza in parte moghtija mill-ewwel Qorti, u minflok tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici. Talbet ukoll li din il-Qorti joghogobha tirrinvija l-process lill-ewwel Qorti biex il-kawza tkun tista' titkompla partikolarment ghas-smiegh tal-kontro-talba dedotta kontra s-socjeta` attrici u ghat-trattazzjoni ta' l-eccezzjonijiet fil-mertu jekk ikun hemm il-bzonn.

4. Is-socjeta` appellata rrispondiet li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, billi l-ewwel Qorti

ghamlet analizi u apprezzament approfondit u ezawrenti kemm tal-provi li resqu l-partijiet kif ukoll tas-sottomissjonijiet legali li tressqu u l-konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti huma korretti.

**III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. Kif diga` intqal l-appellanti qeghdha tillanja li l-ewwel Qorti ma tatx piz ghar-ragunijiet migjuba minnha in sostenn tat-tezi taghha li l-*lodo* arbitrali ma kellux jigi esegwit f'Malta. Ir-rikors ta' l-appell jinjora, tista' tghid ghal kollox, ir-ragunamenti kollha kontenuti fis-sentenza appellata u li fuq il-bazi taghhom l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta. L-appell ta' din is-socjeta`, minflok ma jifoka fuq dawn ir-ragunamenti ta' l-ewwel Qorti, u jesponi analizi kritika ta' l-istess ragunamenti biex jipprova jipperswadi lil din il-Qorti ta' revizjoni li l-istess ragunamenti ma kienux validi jew korretti, sempliciment jirrigurgita s-sottomisssjonijiet kollha li kienu diga` tressqu ghall-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti.

6. Infatti, ir-rikors ta' l-appell sempliciment jirriproduci, tista' tghid testwalment, is-sottomissjonijiet kollha imressqa mis-socjeta` konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet li giet minnha prezentata fis-26 ta' Frar 2001 u li tinsab a fol. 515 *et sequitur* tal-process.

7. Din il-Qorti innutat li diversi argumenti li jissemmew f'din in-nota ta' osservazzjoni tas-socjeta` konvenuta ma jsibu l-ebda rifless fis-sentenza appellata. Gara hekk mhux ghax l-ewwel Qorti naqset minn xi dover taghha u ma tatx smiegh xieraq lis-socjeta` konvenuta, izda unikament minhabba li l-istess socjeta` konvenuta naqset li tottempera ruhha mal-verbal redatt mill-ewwel Qorti fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2000 u li jinsab a fol. 505 tal-process. F'dik is-seduta l-ewwel Qorti semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet u l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-istess l-ewwel zewg eccezzjonijiet ghas-16 ta' Marzu 2001 u l-partijiet inghataw il-fakolta` li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet bin-notifika ta' xulxin, il-konvenut dak iz-zmien tlett xhur u l-attrici sa zmien tlett xhur min-notifika.

8. Skond dan il-verbal is-socjeta` konvenuta kellha sat-30 ta' Settembru 2000 biex tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet taghha. Hija naqset li taghmel hekk u allura s-socjeta` attrici pprezentat in-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha fis-27 ta' Dicembru 2000 – ara fol. 506 *et sequitur* tal-process. Fis-26 ta' Frar 2001, is-socjeta` konvenuta, bla ma qabel talbet il-permess ta' l-ewwel Qorti, ipprezentat nota ta' ossevazzjonijiet li kienet akkumpanjata b'hames dokumenti (ara fol. 515 sa 544 tal-process). L-ghada, 27 ta' Frar 2001 l-ewwel Qorti tat digriet li bih stiednet lis-socjeta` attrici sabiex tghazilx jew li n-nota tal-konvenuta titnehha mill-inkartament u s-sentenza tinghatha fis-16 ta' Marzu 2001, jew li tkun sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza u s-socjeta` attrici tinghatha aktar zmien biex tirreplika. Fit-2 ta' Marzu 2001, is-socjeta` konvenuta, b'rikors talbet lill-ewwel Qorti li taccetta n-nota ta' osservazzjonijiet taghha u takkorda lis-socjeta` attrici d-dritt tar-replika u li jekk ikun hemm bzonn tkun sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza. B'nota tat-13 ta' Marzu 2001, is-socjeta` attrici informat lill-ewwel Qorti li kienet ix-xewqa taghha li n-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tigi sfilzata billi din saret tardivament u fi kwalunkwe kaz minghar l-approvazzjoni tal-Qorti u talbet li s-sentenza tinghata kif previst fis-16 ta' Marzu 2001 (ara fol. 550).

9. Fis-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2001 l-ewwel Qorti tat is-segwenti digriet li jinsab a fol. 553 tal-process;

"Il-Qorti:

"Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Frar 2001;

"Rat illi, ghalkemm l-oppozizzjoni ta' l-attrici hija gustifikata, madankollu, billi l-argumenti migjuba fin-nota ta' osservazzjonijiet tardiva tal-konvenuta ma wasslux biex il-Qorti tibdel il-konkluzjonijiet taghha dwar il-meritu, l-attrici ma hix sejra ssofri pregudizzju jekk in-nota tibqa' fl-inkartament:

"Ghalhekk ma hu mehtieg ebda provvediment biex in-nota ta' osservazzjonijiet titnehha mill-inkartament."

F'dik l-istess seduta l-ewwel Qorti ghaddiet biex ippronunzjat is-sentenza appellata u li tinsab riprodotta fil-parti preliminari ta' din is-sentenza.

10. Minn dak li intqal sa issa dwar din in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, din il-Qorti tifhem li l-ewwel Qorti kienet diga` lahqet ikkonfezzjonat is-sentenza taghha meta s-socjeta` konvenuta ghogobha tipprezenta tardivament l-istess nota ta' osservazzjonijiet taghha. Jidher car li l-ewwel Qorti, minflok ma ordnat l-isfilz ta' l-istess nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, kif kellha dritt li taghmel, hadet konjizzjoni ta' l-argumenti migjuba fl-istess nota ta' osservazzjonijiet izda waslet ghall-konkluzjoni li l-istess argumenti tas-socjeta` konvenuta ma kienux iwassluha biex tbiddel il-konkluzjonijiet taghha dwar il-meritu. Ghalhekk wara li ghamlet dan il-kumment, l-ewwel Qorti ghaddiet biex tat is-sentenza taghha li hija issa appellata.

11. Ir-rikors ta' l-appell odjern jadopera metodu u strategija xejn soliti. Infatti, jonqos li jiffoka fuq u jikkritika frontalment id-diversi argumenti sodi u ragunijiet specifici li hemm fis-sentenza appellata. Minflok, jikkuntenta ruhu bl-amantela generika wahdanija – cioe` li l-ewwel Qorti ma tatx piz ghas-sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta – u, kif inghad, sempliciment jerga' jirriproduci, tista' tghid testwalment, il-kontenut kollu kemm hu ta' l-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet, li kienet giet ipprezentata tardivament quddiem l-ewwel Qorti.

12. Kif diga` intqal, l-ewwel Qorti naqset li tikkummenta dettaljatament dwar is-sottomissjonijiet kontenuti fl-imsemmija nota. In fatti, bid-digriet taghha ta' l-20 ta' Marzu 2001, dik il-Qorti, wara li kkummentat li t-talba tas-socjeta` attrici ghall-isfilz ta' l-istess nota tardiva kienet gustifikata, iddecidiet bazikament li tippermetti xorta wahda li l-istess nota tibqa' fl-inkartament billi ma kenitx ta' pregudizzju ghas-socjeta` attrici stante li l-argumenti kontenuti fl-istess nota, "ma waslux biex il-Qorti tbiddel il-konkluzjonijiet taghha dwar il-meritu". Ghalhekk hija ghaddiet biex dakinhar stess ippronunzjat is-sentenza,

illum appellata. F'dan il-kuntest ta' min wiehed jinnota li l-appellanti ma ressqet ebda appell mill-imsemmi digriet ta' l-20 ta' Marzu 2001.

13. Din il-Qorti issa sejra titratta diversi lamenteli imressqa mill-appellanti fil-konfront tal-*lodo* arbitrali – izda mhux fl-ordni li gew esposti fir-rikors ta' l-appell – biex hekk tindaga jekk l-ewwel Qorti waslitx ghall-konkluzjoni korretta meta cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta.

**<u>DWAR IL-KLAWSOLA ARBITRALI</u>**

14. Din il-Qorti ezaminat paragrafi 31 sa 35 tar-rikors ta' l-appell, b'referenza ghall-allegazzjoni ta' l-appellanti li l-klawsola arbitrali ma tiswiex ghax il-kunsens taghha kien vizzjat. L-appellanti spjegat li hija ma kellhiex alternattiva ohra hlief li tiffirma l-*Liner Agency Agreement* tal-25 ta' Lulju 1991 li kien jinkludi din il-klawsola kompromessorja. Ziedet tghid li hija kienet giet avzata minn Signor Musso (il-proprjetarju tas-socjeta` attrici) li diversament din ta' l-ahhar kienet se thassar il-ftehim b'effett immedjat. Ghalhekk din il-klawsola giet imposta fuqha u saret parti mill-ftehim kontra l-volonta` ta' l-appellanti.

15. Din il-klawsola kompormessorja tinsab riprodotta fis-sentenza appellata u m'hemmx htiega li tigi ripetuta hawn. Kif sewwa kkummenta d-difensur tas-socjeta` appellata, is-socjeta` konvenuta ma resqet ebda eccezzjoni formali quddiem il-Kullegg ta' l-Arbitri dwar l-allegata invalidita` tal-klawsola arbitrali minhabba vizzju ta' kunsens. L-insistenza tas-socjeta` konvenuta quddiem dak il-Kullegg kienet unikament fuq li l-istess Kullegg ta' Arbitri ma kellux gurisdizzjoni mal-kaz, ghaliex dan kellu jinstema' f'Malta, u dan ghar-ragunijiet esposti fl-i*statement of defence*.

16. Minn qari ta' l-inkartament voluminuz kollu kemm hu ('l fuq minn 550 pagna ta' atti, oltre zewg "folders" b'dokumenti), din il-Qorti hadet l-impressjoni li s-sahha ekonomika bejn iz-zewg partijiet fil-kawza certament m'hijiex l-istess. Ghalhekk wiehed ma jistagibx li l-parti l-aktar qawwija timponi fuq il-parti l-aktar dghajfa kundizzjonijiet li l-ahhar imsemmija parti ma tkunx tixtieq li

jigu imposti fuqha fil-ftehim. Madanakollu dan ma jfissirx li necessarjament ikun hemm vizzju tal-kunsens. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata "mhux kull meta ma tiehux dak kollu li tixtieq il-kunsens tieghek ikun ghalhekk vizzjat". Jirrizulta sodisfacentement li l-ewwel Qorti ghamlet ezami korrett tac-cirkostanzi saljenti li jolqtu l-inkorporazzjoni ta' din il-klawsola kompromessorja fil-ftehim tal-25 ta' Lulju 1991, u waslet ghal konkluzjoni korretta li ma kien hemm l-ebda vizzju tal-kunsens li jolqot fil-klawsola arbitrali.

**DWAR L-ECCEZZJONI TAL-GURISDIZZJONI**

17. Jirrizulta car li l-appellanti resqet quddiem il-Kullegg ta' l-Arbitri taht protesta u eccepiet mill-bidu nett in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dak il-Kullegg. Argumentat ukoll li l-gurisdizzjoni kienet tispetta lill-Qrati ta' Malta. L-appellanti qeghdha tghid (ara paragrafi 48 sa 52 tar-rikors ta' l-appell taghha) li l-arbitri naqsu li jiddeciedu dwar l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni. Tallega wkoll li bla ma ta ebda motivazzjoni jew argumentazzjoni favur jew kontra, it-Tribunal iddecieda, f'zewg linji, hekk:

"The Collegio, having rejected every petition and exeption to the contrary, and having learned that it has exclusive jurisdiction in the matters, wishes ….."

18. Ibda biex, ghalkemm is-silta appena citata tinsab verament fil-*lodo* arbitrali, madanakollu dik is-silta ma tikkostitwixxix id-decizjoni tal-Kullegg ta' l-Arbitri – kif qeghdha zbaljatament tallega l-appellanti – izda hija biss in-narrazzjoni ta' parti mit-talba li ghamlet is-socjeta` attrici lill-arbitri. Infatti, is-silta hija mehuda mid-dokument M6 cioe` il-memorja konklussiva li giet sottomessa mis-socjeta` attrici, ezattament f'pagna 9 ta' dik il-memorja konklussiva. Din is-silta mid-dokument M6 tinsab inkorporata ezattament fl-ewwel pagna tal-*lodo* (ara fol. 16 tal-process).

19. Kuntrarjament ghal dak li qeghdha tasserixxi l-appellanti, l-ezami tal-*lodo* arbitrali jindika minghajr ebda ombra ta' dubju li l-eccezzjoni relattiva tal-gurisdizzjoni giet debitament deciza fil-*lodo* arbitrali, infatti l-ewwel parti tal-*lodo* arbitrali insibu testwalment hekk:

“<u>MOTIVI DELLA DECISIONE</u>

“Sulla giurisdizione arbitrale

====================

“1. Nella prima e nella seconda memoria scritta VFS ha sostenuto che solo ai giudici di Malta spetta la giurisdizione sulla controversia in esame, e che percio` gli Arbitri dovrebbero spogliarsi del caso e rimetterlo ad essi. Ma tale richiesta é sicuramente da respingere, poiché VFS e TI hanno stipulato nel LAA del 25.7.1991 una ampia e completa clausola arbitrale – n. 6.04 – nella quale la stessa VFS non ha mai indicato ragioni di nullita` o inefficacia, ed essa perciò é pienamente valida e vincolante per ambedue le parti. Tale clausola in effetti recita:

““Any controversy about interpretation, fullfilment or termination of this Agreement or claims arising out or relating to this Agreement shall be referred to Arbitration in Montecarlo in the event that an amicable agreement between both parties cannot be reached; arbitration will be made in accordance with the Rules of Chambre Arbitrale Maritime de Monaco arrêté N. 73/329 and award will be binding and final and will be brought to execution before any Court having jurisdiction”.”

20. L-appellanti tilmenta wkoll li l-arbritri naqsu kompletament li jadempixxi l-obbligu taghhom li jimotivaw ic-cahda ta’ l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni. Tispjega l-appellanti li dan in-nuqqas per se jikkostitwixxi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq u li anki minhabba f’hekk il-*lodo* arbitrali esteru ma jistax jigi esegwit ghaliex imur kontra l-*Public Policy* kontra l-Kostituzzjoni ta’ Malta.

21. Is-sentenza appellata, f’dan il-kuntest tghid hekk:
“Il-konvenuta tghid illi din id-decizjoni nghatat ‘bla ebda motivazzjoni serja u adegwata’, izda tassew ma kienx hemm ghalfejn jinhela aktar hin u aktar kliem fuq l-interpretazzjoni ta’ patt car”.

Din il-Qorti tikkondividi pjenament dan il-hsieb ta' l-ewwel Qorti u ghalhekk dawn is-sottomissjonijiet ta' l-appellanti ma jistghux jintlaqghu jew iwasslu ghal xi varjazzjoni tas-sentenza appellata.

**<u>DWAR IL-PREGUDIZZJALI TA' L-INJORAR TAL-LIGI U TA' L-UZANZI MALTIN</u>**

22. L-appellanti qeghdha tissottometti illi l-arbitri kien imisshom hadu in konsiderazzjoni fil-*lodo* arbitrali taghhom ukoll il-ligi u l-uzanzi ta' Malta. In sosten ta' dan l-appellanti rriferiet ghall-Artikolu 12 tar-Regoli tac-*Chambre Arbitral*. Dan, *inter alia*, jipprovdi li l-arbitri kellhom ukoll jaghtu konsiderazzjoni debita lil

"…… the conventions and the international and domestic usages that are deemed to be relevant to the case ……"

L-appellanti kienet stqarret quddiem l-artbitri li l-ligi Maltija kienet tikkonsidra lill-i*stevedores* li jkunu qeghdin jahdmu fuq vapur, bhala impjegati tal-vapur u ta' l-armaturi tieghu. David Jones xehed f'dan is-sens quddiem l-istess arbitri. L-appellanti tilmenta li minkejja dan kollu u minkejja li Tarros kienet ghal snin twal taccetta li ghandha thallas ghan-*National Insurance Contributions* ta' dawn il-haddiema u li fil-fatt kienet thallashom, l-arbitri injoraw ghal kollox ix-xhieda ta' David Jones u ddecidew li s-somma ta' tmintax-il elf seba' mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm18,132) dovuta ghan-*National Insurance Contributions* ta' l-i*stevedores*, ma kellhiex tithallas mis-socjeta` attrici. L-arbitri ibbazaw din il-konkluzjoni taghhom fuq il-fatt li l-*containers* kienu qeghdin jingarru fuq bazi FIOS. L-appellanti tilmenta wkoll li l-istess gara fil-kaz ta' l-*overtime* tal-haddiema tal-*Cargo Handling Co. Ltd.*, fejn kienet involuta somma li tlahhaq kwazi sebat elef lira Maltin (Lm7,000). L-appellanti tilmenta illi l-arbitri injoraw l-evidenza prodetta mis-socjeta` konvenuta tramite il-*Malta Association of Ship Agents* tal-*Malta Chamber of Commerce* li kienet turi li skond l-uzanza u l-prattika ta' Malta, tali *overtime* dejjem jithallas minn min jordnah, u f'dan il-kaz mis-socjeta` attrici.

23. Bil-*Liner Agency Agreement* in kwistjoni, il-partijiet kienu ftehmu li l-ligi applikabbli kellha tkun il-ligi Taljana. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata:
"…..meta l-partijiet ikunu għamlu l-għażla tagħhom, u fil-liġi magħżula ma jkun hemm xejn kontra l-ordni pubbliku tal-*proper law*, l-għażla tal-partijiet tkun imħarsa, għax "il-kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom" (Artikolu 992(1) tal-Kodici Civili).

24. Is-sentenza appellata tidher li ma tghid xejn specifikament fuq dan il-punt partikolari issa sollevat mill-appellanti. Madanakollu l-Artikolu 12 tar-Regoli tac-*Chambre Arbitral* imkien ma jsemmi "domestic law" izda biss "domestic usage". Apparti dan, ir-regola msemmija taghti lill-arbitri certa latitudni u diskrezzjoni ghaliex biex jikkonsidraw tali uzanzi domestici, l-arbitri kellhom iqisuhom li kienu verament relevanti. Minbarra dan, peress li l-ligi applikabbli ghall-kaz kienet il-ligi Taljana, certament kien jispetta lis-socjeta` appellanti li tikkonvinci l-arbitri bl-esistenza ta' l-allegata uzanza domestika billi taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjoni taghha quddiem l-arbitri.

**DWAR L-ALLEGAZZJONI TA' L-APPELLANTI LI MA KELLHIEX ZMIEN SUFFICJENTI BIEX TIPPREPARA D-DIFIZA TAGHHA QUDDIEM L-ARBITRI**

25. L-appellanti tilmenta li l-appellata naqset li tipprova tasal ghal ftehim bonarju u s-socjeta` attrici kellha zmien kemm trid biex tipprepara l-kaz taghha u tressqu quddiem l-arbitri. Ghall-kuntrarju, l-appellanti irceviet l-avviz ta' l-arbitragg li kien jimponi zmien limitat hafna biex l-appellanti tressaq id-difiza taghha. L-appellanti tghid li kieku l-kaz tressaq quddiem il-Qrati Maltin, kieku kien ikollha ferm aktar zmien u opportunita` li tiddefendi ruhha. L-appellanti tghid ukoll li hija ma kellhiex zmien sufficjenti biex tesponi l-kaz taghha fis-seduta li kienet inzammet mill-arbitri fit-28 ta' Settembru 1995. Tilmenta li l-*oral hearing* kellu jinzamm fuq firxa ta' jumejn, izda minflok dan inzamm f'gurnata wahda.

26. Dana l-ilment ta' l-apellanti m'huwiex gustifikat. Jirrizulta li l-arbitri kkoncedew lill-appellanti zmien aktar minn dak permess mir-regoli ta' l-arbitragg. Huwa veru li l-*oral hearing* inzammet fuq firxa ta' gurnata biss minflok fuq firxa ta' jumejn, izda dan sar bi qbil mad-difensuri tal-kontendenti kif ukoll ta' l-arbitri. Dan jirrizulta bla ebda ombra ta' dubju mill-verbal ta' l-istess seduta precizament a fol. 193 u 194 tal-process. Din il-Qorti jidhrilha li mehuda c-cirkostanzi kollha tal-kaz in konsiderazzjoni l-appellanti kellha zmien sufficcjenti biex thejji l-kaz taghha sew u tressqu quddiem l-arbitri. L-ewwel Qorti waslet ghall-istess konkluzjoni u din il-Qorti m'ghandha xejn aktar ta' utilita` li zzid ma' dak li hemm fil-parti relattiva tas-sentenza appellata.

**DWAR L-ALLEGAZZJONI LI L-*LODO* ARBITRALI IMUR KONTRA L-ORDNI PUBBLIKU MALTI**

27. Biex issahhah din l-allegazzjoni l-appellanti ressqet erba' sottomissjonijiet li fil-qosor huma s-segwenti:

a) li l-forum ta' Monaco kien wiehed li jiffavorixxi lill-komunita` marittima Taljana u xejn ma kien ben dispost favur l-appellanti;

b) wiehed mill-arbitri, cioe` l-Professur Giorgio Righetti, kellu konflitt ta' interess ghaliex huwa kien ukoll il-president tac-*Chambre Arbitral Maritime de Monaco* u skond ir-regoli ta' l-istess *Chambre* "the originals of the award must also be countersigned by the president";

c) il-proceduri arbitrali kienu karatterizzati min-nuqqas gravi konsistenti fil-fatt li l-Professur Righetti ma wasalx fil-hin ghas-seduta tat-28 ta' Settembru 1995, wara l-*break* ta' l-ikel. Dan il-Professur dam assenti mis-seduta ghal cirka siegha u nofs u f'dak il-hin l-appellanti kienet qed taghmel sottomissjonijiet importanti hafna ghat-tezi taghha;

d) li l-*lodo* arbitrali ma jistax jigi esegwit f'Malta ghaliex fih inghata imghax eccessiv li jmur kontra l-Ordni Pubbliku Malti.

28. Ma hemm ebda prova fil-process ta' l-allegazzjoni ta' l-appellanti li l-arbitri ttrattaw mas-socjeta` attrici b'xi

favorattizmu jew li dawn ma kienux indipendenti jew imparzjali. Parti ohra ta’ din is-sentenza diga` giet ezaminata l-kwistjoni jekk il-klawsola kompromessorja kienitx jew le affettwata minn xi vizzju ta’ kunsens u din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ma kienitx. Ghalhekk il-forum ta’ Monaco gie accettat mill-appellanti, anke jekk dan sarx kontra x-xewqa taghha, u issa ma tistax tilmenta l-ghazla li saret ghaliex *pacta sunt servanda*.

29. Il-kwistjoni ta’ l-allegat konflitt ta’ interess tal-Professur Righetti, se mai, kellha titqajjem quddiem l-arbitri, billi l-Artikolu 7 tar-Regoli tac-*Chambre* ta’ Monaco jipprevedi l-kaz ta’ rikuza ta’ l-arbitri. In oltre, ghandu jigi precizat li l-Artikolu 15 ta’ l-istess Regoli jipprovdi li l-*lodo* jista’ jigi wkoll kontro firmat, mhux biss mill-president, izda wkoll mill-vici president (ara fol. 229). Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti ma tara l-ebda konflitt ta’ interess tal-Professur Righetti, kif allegat mill-appellanti.

30. L-assenza tal-Professur Righetti li wasal tard cirka ta’ siegha, siegha u nofs ghas-seduta ta’ wara nofs inhar tirrizulta mill-minuti. Il-verbal ta’ din is-seduta jinsab riprodott f’dawn l-atti, ezattament bhala dokument T1 minn fol. 123 sa 194 tal-process cioe` wiehed u sebghin (71) pagna. Il-Professur Righetti kien assenti ghal dak li ntqal fis-seduta li gie verbalizzat fuq firxa ta’ ghaxar (10) pagni u cioe` minn fol. 172 sa 182 tal-process. Irrizulta li l-professur Righetti kellu jistrieh wara nofsinhar minhabba l-kundizzjoni ta’ sahhtu. Nonostante din il-gustifikazzjoni, l-assenza temporanja fl-imsemmija seduta, hija certament irregolarita` fil-proceduri ta’ l-arbitragg. Madanakollu, din il-Qorti tinnota li l-appellanti ma resqet l-ebda oggezzjoni, jew imqar xi protest, waqt l-istess seduta u lanqas wara, quddiem l-arbitri. Tinnota wkoll li dak li sar fl-assenza tieghu gie debitament verbalizzat fil-minuti u ghalhekk kien pjenament ghad-dispozizzjoni tieghu wkoll. Certament, il-proceduri kollha ta’ l-arbitragg ghandhom jigu konsiderati fil-kumpless u fl-assjem taghhom, biex wiehed jara u jiddeciedi jekk kienux difettuzi jew jekk kienux sostanzjalment validi jew le. Fil-fehma tal-Qorti, l-irregolarita` imsemmija m’hijiex ta’ gravita` tali li tista’ b’xi

mod taffettwa l-validita` tal-*lodo* arbitrali fuq raguni ta' ordni pubbliku jew smiegh xieraq u dana ghar-ragunijiet l-ohra wkoll li huma spjegati fis-sentenza appellata u li din il-Qorti taqbel maghhom.

31. Dwar l-allegazzjoni ta' l-appellanti li l-*lodo* arbitrali jaghti imghax eccessiv li jmur kontra l-*Public Policy* ta' Malta, din il-Qorti jidhrilha li din l-allegazzjoni hija bla bazi u dana ghal ragunijiet imfissra fis-sentenza appellata li m'hemmx il-htiega li jergghu jigu ripetuti hawnhekk.

**DWAR L-ALLEGAZZJONI LI KIEN HEMM KSUR TAR-REGOLI TAL-GUSTIZZJA NATURALI WAQT L-ARBITRAGG U FIL-*LODO* ARBITRALI**

32. Dwar dana l-aspett, l-appellanti ressqet bazikament erba' ilmenti li, fil-qosor, huma is-segwenti:

a) li l-arbitragg ma segwiex proceduri fissi u kien hemm konfuzjoni kbira dwar kif kellu jigi kondott is-smiegh ta' l-arbitragg;

b) li l-minuti tas-seduta li nzammet fit-28 ta' Settembru 1995 ma nzammux sewwa;

c) li l-*lodo* arbitrali inkluda partiti u l-valur rispettiv taghhom ghall-perijodu li jirrisali ghal qabel id-data tal-Liner Agency Agreement tal-25 ta' Lulju 1991;

d) li kien hemm parti mid-decizjoni ta' l-arbitri li kienet kontra l-appellanti nonostante li dawn l-arbitri ma fehmux is-suggett.

L-appellanti tallega li hija kellha dritt, skond ir-regoli tac-*Chambre* ta' Monaco, ghal *final hearing* ta' l-arbitri u li dan ma sarx la fit-28 u lanqas fid-29 ta' Settembru 1995. Tallega wkoll li l-arbitri ma kienux cari dwar xi procedura kellha tigi addottata u dan fixkel id-difiza. Fil-fehma tal-Qorti dan l-ilment ta' l-appellanti m'huwiex gustifikat. Ghalkemm huwa veru li bejn il-kontendenti kien hemm xi dizgwid ghaliex l-appellanti riedet li ssir laqgha ohra l-ghada 29 ta' Settembru, madanakollu s-seduta tat-28 ta' Settembru spiccat bi qbil bejn il-kontendenti u l-arbitri dwar x'kellu jsir mil-lat ta' proceduri. Hawnhekk, il-Qorti

qeghdha taghmel referenza ghal fol. 192 sa 194 tal-process u ma thossx in-necessita` li timplifika aktar ghax dan il-punt diga` ssemma' f'parti ohra ta' l-odjerna sentenza.

33. It-tieni ilment ta' l-appellanti, taht dan il-kap, jikkoncerna l-allegazzjoni li l-minuti tas-seduta tat-28 ta' Settembru ma nzammux sew. L-appellanti tghid li fil-bidu ta' dik is-seduta hija kienet enfasizzat li kienet qeghdha tattendi l-proceduri arbitrali taht protesta u minghajr pregudizzju u dan ghaliex hija kienet talbet biex l-arbitri ma jiehdux konjizzjoni tal-kaz. L-appellanti tallega li xejn minn dan ma gie registrat fil-minuti. Din il-Qorti tinnota li fis-sottomissjonijiet bil-miktub li l-appellanti ressqet quddiem l-arbitri (ara dokument M7), l-appellanti m'ghamlet l-ebda accenn ghal dan l-allegat nuqqas. Dan in-nuqqas jidher forsi xi ftit aktar accentwat meta wiehed jikkonsidra li fis-sottomissjonijiet finali tas-socjeta` appellata, proprju fil-bidu tad-dokument M7, din is-socjeta` ghamlet accenn ghall-kwistjoni tal-gurisdizzjoni sollevata mill-appellanti u tat ir-ragunijiet taghha ghaliex dik l-eccezzjoni ma kellhiex tintlaqa' mill-arbitri. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk stess dik ir-rizerva li allegatament is-socjeta` appellanti ghamlet waqt l-imsemmija seduta, ma gietx registrata, xorta wahda din il-Qorti jidhrilha li ma hemm l-ebda difett ta' sustanza fil-proceduri, ghaliex din ir-rizerva, kif ukoll l-eccezzjoni preliminari relattiva, tinsab debitament registrata fl-i*statement of defence* ta' l-appellanti kif wiehed jista' jara mill-ewwel erba' pagni tad-dokument M2.

34. L-appellanti qeghdha tillanja wkoll li l-*lodo* arbitrali inkluda, favur is-socjeta` appellata, l-valur ta' partiti li jirrisalu ghal qabel id-data li fiha l-*Liner Agency Agreement* gie ffirmat u cioe` il-25 ta' Lulju 1991. Tillanja li l-arbitri ma mxewx bl-istess mod maghha fil-konfront ta' dawk il-pretensjonijiet li hija ghamlet quddiemhom u li jirrisalu ghal qabel dik id-data. Fil-paragrafu 19 tar-rikors ta' l-appell taghha hija tat dettalji ta' dawn il-pretensjonijiet.

35. Min-naha taghha, is-socjeta` appellata rrispondiet hekk:

"Illi mid-domandi li saru in kontro ezami lil Marcello Maresca jidher li qed isir ilment minhabba l-fatt illi t-Tribunal akkorda favur is-socjeta` attrici xi "commissions" li jirrigwarda l-perjodu bejn Jannar u Lulju tas-sena 1991 u wkoll ilment dwar fattura ta' G&S Falzon li tirresali ghas-snin tmenin. Dwar l-ewwel punt, jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet illi ghalkemm il-ftehim gie ffirmat f'Lulju 1991, fir-relazzjonijiet ta; bejniethom patikolarment il-konteggi finanzjarji, il-ftehim effettivament inghata effett retroattiv minn Jannar tal-1991. Dwar il-fattura ta' Falzon, mill-atti tal-proceduri arbitrali, jidher illi din il-kwistjoni tqajmet ghaliex fil-kors ta' l-arbitragg, kien evidenti illi Valletta Freight kienu fil-konteggi taghhom qed jiddebitaw il-kont ta' Tarros International Spa bis-somma ta' Lm5905 mentri dan l-istess ammont kien gia` gie kreditat favur is-socjeta` l-ohra Tarros Terminal Spa qabel l-1991. Kien naturali ghalhekk illi s-socjeta` konvenuta ma setghetx tigi permessa illi tavvanza reklam ta' kreditu li kien jirresali ghal-1991 u fi kwalunkwe kaz proponibbli biss fil-konfront tas-socjeta` l-ohra Tarros Spa. L-istess japplika fil-kaz tal-commissions CAF fejn sar tentattiv simili biex jitnaqqas ammont ta' Lm6,784.81 fejn dan l-ammont kien jirresali ghal snin precedenti ghal 1991 u ghal darba ohra ma jiccentra xejn mas-socjeta` attrici Tarros International."

Il-Qorti rat ukoll dak li rrimarkat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata dwar l-allegazzjoni ta' l-appellanti li kien hemm decizjoni *ultra petita* jew *extra petita*. Il-meritu ta' l-arbitragg kien, fi kliem ix-xhud Nicholas Dean (ara fol. 331) "…a very complicated accounting matter" u din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ma tqisx dan l-ilment tas-socjeta` appellanti bhala wiehed li tista' tilqghu.

36. L-ahhar ilment ta' l-appellanti jikkonsisti fl-allegazzjoni li l-arbitri ddecidew partita kontra l-appellanti nonostante li huma ma fehmux is-suggett. Din l-allegazzjoni saret b'referenza ghal dik il-parti tal-*lodo* arbitrali (riferita fil-pargarafu 30 tar-rikors ta' l-appell, u li fl-original bit-Taljan tal-*lodo* tinsab a fol. 37 tal-process), u cioe`:

"- <u>Tarros Groupage Containers: Lm1.189,79</u>

"Si comprende di che cosa si duole VFS, non si comprende perché; nessuna clausola del LAA consente all'agente di pretendere come diritto verso il suo Principale la caricasione completa dei contenitori. Il reclamo é respinto."

L-appellanti spjegat li dan kien kaz tipiku fejn hija riedet tispjega l-fatti waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 1995 imma ma kellhiex bizzejjed hin biex taghmel hekk. L-appellanti kkummentat hekk:
"Jekk l-arbitri sabu diffikulta` biex jifhmu r-raguni wara t-talba ta' l-esponenti, kien imisshom talbu l-kjarifiki mehtiega waqt is-smiegh tal-kaz minflok jikkonkludu b'ghagla zejda kif ghamlu u jghaddu biex jiddeciedu kontra l-esponenti."

37. Kif diga` intqal, dak li kellu jsir wara l-imsemmija seduta, sar kollu <u>bi ftehim reciproku milhuq dakinhar stess bejn il-partijiet u d-difensuri taghhom</u> flimkien ma' l-arbitri. Ladarba l-appellanti kienet parti minn dak il-ftehim, din il-Qorti bilfors ikollha tifhem li hija kienet sodisfatta li kellha a debita opportunita` li tispjega l-kaz taghha sewwa, anke permezz tas-sottomissjonijiet finali bil-miktub, li l-partijiet inghataw l-fakolta` li jiissottomettu wara l-istess seduda. Inoltre, ghandu jinghad li s-sinifikat tas-silta mil-*lodo* fuq imsemmija ma jidhirx li huwa kif interpretat mill-appellanti u cioe` li l-arbitri ma fehmux is-suggett. Din il-Qorti, invece, jidhrilha li s-silta tfisser li l-arbitri deherilhom li l-appellanti ma kienetx iggustifikat il-bazi legali tal-pretensjoni taghha ghaliex ebda wahda mill-klawsoli tal-ftehim bejn il-partijiet ma kien jimponi obbligu fuq is-socjeta` appellata li timla' kompletament il-*containers*. Ghalhekk anke dan l-ilment ta' l-appellanti ma hux gustifikat.

38. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-atti jintbaghtu lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi. L-ispejjez ta' l-appell odjern jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------